**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 35 – 5 ta' Awissu 2010**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija u saret Agenda 35.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Emanuel Agius | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kien hemm l-ebda rapprezentant tal-pubbliku prezenti.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' agenda 34 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

1.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' agenda 34 jigu approvati hekk kif prezentati. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Rosario Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Joe Ciantar, George Cortis, u Rosario Cortis.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-Minuti ta' Agenda 34 gew approvati. (51)

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punt 2.1 tal-minuti dwar tisbieh taz-zona ta' Hal Mula permezz ta' fondi tal-Urban Improvement Fund, u talab li jkun jaf f' liema stadju wasal ir-rapport tal-perit. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li s-survey kien kwazi lest.

2.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punt 2.3 tal-minuti dwar l-iskema tal-Public Private Partnership u gibed l-attenzjoni li fost il-hafna toroq f' diversi lokalitajiet li thabbru fil-media ma kien hemm l-ebda wahda f' Haz-Zebbug. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li meta ra dawn ir-rapporti fil-media kien cempel lill-kunsillier Mario Borg li minn naha tieghu kellem lil Dr. Said li weighed li fit-tieni grupp ta' toroq li kienu se jithabbru fi zmien tlett gimghat kienu se jithabbru t-toroq gewwa Haz-Zebbug fosthom anke Vjal il-Helsien.

2.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punt 2.7 tal-minuti u talab li jkun jaf jekk il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kienitx ikkonfermat bil-miktub dak li ntqal fil-minuti. Is-Sindku wiegeb li ma kienx hemm konfermi bil-miktub.

2.4.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punt 2.13 tal-minuti u talab li jkun jaf kienx hemm xi zviluppi dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Duncan Bartolo wiegeb li gew publikati ir-rizultati u l-applikazzjoni tal-Kunsill ma gietx maghzula. Il-Kunsillier Bartolo spjega li meta ccekja mad-dipartiment kien jidher li l-applikazzjoni tal-kunsill kien fiha xi nuqqasijiet zghar bhal ezempju ma ngabrux 3 kwotazzjonijiet fuq kollox.

2.4.2. Is-Sindku kkummenta li huwa gie nfurmat li l-progetti tal-kunsilli maghzula kellhom iktar evidenza ta' outreach u xoghol fost il-komunita.

2.4.3. Il-Kunsillier Mario Borg qal li l-fatt li l-Kunsill qieghed jippartecipa f' inizjattivi simili huwa diga rebha ghax qed tinghata opportunita u qieghed isir investiment fiz-zghazagh tal-lokalita. Huwa kompla jghid li anke jekk jerga jippartecipa s-sena d-diehla, l-Kunsill ma kellu l-ebda garanzija li jirbah.

2.4.4. Il-Kunsillier Duncan Bartolo nforma lill-Kunsill li l-attivita li kellha ssir ghal partecipanti ta' dan il-progett giet posposta ghal wara s-sajf peress li hafna mill-partecipanti ma kienux jistaw jattendu ghaliha.

2.5. Il-Kunsillier Joe Ciantar irringrazzja lill-Kunsill tal-card u l-awguri li tressqulu.

2.6. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq l-istat ta' sahha tal-Onor. Guido de Marco u ressaq suggeriment li l-Kunsill juri s-solidarjeta tieghu permezz ta' stqarrija. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li huwa kien iktar tal-idea li tinkiteb ittra minflok.

2.7.1. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf xi zviluppi kien hemm dwar il-bus shelter tal-pjazza. Is-segretarju prezenta d-disinn li gie maghmul mill-persuna li ressqet kwotazzjoni ghax-xoghol. Il-Kunsillier Cortis ikkummenta li d-disinn ma kienx dettaljat bizzejjed biex wiehed jiehu decizjoni fuqu.

2.7.2. Is-Sindku spjega li dan ix-xoghol jista jista jsir mill-haddiema tal-IPSL overtime. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li huwa ma kienx jaqbel li dan ix-xoghol isir overtime. Is-segretarju ezekuttiv issuggerixxa li dan ix-xoghol isir waqt il-hin tax-xoghol. Is-segretarju ezekuttiv spjega li l-process tal-kwotazzjonijiet kien sar hekk kif titlob il-ligi, il-kwotazzjonijiet mressqa quddiem il-Kunsill u dawn il-kwotazzjonijiet ma gewx meqjusa bhala adegwati ghal bzonnijiet tal-Kunsill.

2.7.3. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li l-Kunsill kellu jistenna sakemm jigi identifikat ezatt kif Haz-Zebbug ha jintlaqat bir-riforma tat-trasport pubbliku, peress li kien hemm ic-cans li l-venda ma tibqax fi triq Sciortino. Kien hemm qbil dwar dan.

2.8. Il-Kunsillier Philip Said dahal ghal-laqgha fis-7.05 ta' filghaxija.

2.9. Il-Kunsillier George Cortis ghamel referenza ghall-sleeping police li saret f' Main street u huwa qal li kien hemm ftehim li din ticcaqlaq u issir x' imkien iehor. Is-Sindku wiegeb li qatt ma kien hemm dan il-ftehim u l-sleeping police regat twahhlet wara li gie diskuss il-kaz fil-kunsill.

2.10. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf jekk kienx hemm xi zvilupp dwar il-monti specjalment rigward il-bejjiegh Dominic Bonnici. Is-Sindku wiegeb li l-kaz tas-sur Bonnici kien relatat man-numru ta' sinjali bla permess li l-ADT kienet gibdet l-attenzjoni dwarhom u li kellhom jitnehhew. Minhabba din it-talba tal-ADT il-Kunsill kellu jnehhi l-kaxxa s-safra tas-sur Bonnici u issa kienu qed isiru xi diskussjonijiet sabiex jinstab post alternattiv fejn jarma u giet identifikat post mal-hajt tal-iskola. Is-Sindku kompla jghid li sabiex tigi zgurata s-sigurta tar-residenti kellhom isiru xi modifiki fil-bankina.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Segretarju Ezekuttiv qassam lill-Kunsilliera skeda dwar il-korrispondenza.

3.2. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab li jkun jaf jekk kienx hemm xi twegiba minn naha taz-Zebbug Rangers fuq il-progett tal-ground. Is-Sindku wiegeb li ma kien hemm l-ebda risposta.

3.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li kiteb lill-Prim Ministru dwar l-applikazzjoni tal-MEPA tal-gnien tal-Grazzja u rigward triq il-Buskett. Is-sindku spjega li dwar l-applikazzjoni tal-MEPA gie infurmat li r-rapport mil-case officer kien tlesta u kien hemm rakkomandazzjoni li dan il-permess jigi approvat u l-pass li jmiss kien li l-applikazzjoni titressaq quddiem il-bord tal-MEPA.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-vot tal-flus ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

4.2. IL-Kunsillier Rosario Cortis talab iktar informazzjoni dwar il-pagamenti ta' Smart Office Supplies u Micamed ltd. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega f' xiex kienu jikkonsistu.

4.3. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li r-rati tal-street lighting kienu kemm xejn eccessivi u li l-kunsill kellu joqghod attent fuqhom.

4.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex tigi approvata l-iskeda tal-pagamenti hekk kif prezentata. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

L-iskeda tal-pagamenti giet approvata. (52)

4.8. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar talab li jkun skuzat. Huwa telaq fit-8.10pm.

## 5. PROGETT TA' PHOTOVOLTAIC

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li fl-ahhar gimghat kienet saret hidma sabiex il-Kunsill Lokali japplika ghal fondi tal-Unjoni Ewropea taht il-programm ERDF relatat ma energija alternattiva. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsilliera li dan il-progett jimmira li jinstalla panelli fotovoltajici fuq il-housing estates u li permezz taghhom jibbenifikaw ir-residenti.

5.2. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li ghalkemm jifhem il-responsabilta li l-kunsill ghandu lejn l-ambjent u lejn l-energija alternattiva, wiehed irid izomm f' rasu li x-xoghol se jsir fuq bini pubbliku u ghalhekk il-Kunsill irid johloq pakkett attraenti ghar-residenti sabiex jippartecipaw f' inizjattiva simili.

5.3. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni li uhud mir-residenti jistaw ikunu kontra minhabba l-inxir tal-hwejjeg.

5.4. Is-Sindku spjega li f' dan l-istadju l-Kunsill kellu jiddeciedi ghandux japplika ghal dan il-progett u d-dettalji ta' l-iskema jigu studjati aktar il-quddiem billi ssir laqgha apposta fuq is-suggett. Kien hemm qbil dwar dan.

## 6. ZJARA F' AGIRA

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li dwar din iz-zjara kien hemm ic-cans li l-Kunsill itella' grupp ta' 30 ruh izda kien wisq short notice biex jaghmel dan. Is-Sindku spjega li z-zjara kienet se tkun bejn il-11 u l-15 ta' Awissu u s' issa d-delegazzjoni kienet maghmula minnu, l-Vici Sindku u l-Kunsillier Mario Borg. Is-Sindku stieden lill-kunsilliera sabiex min minnhom kien interessat imur Agira jghidlu.

6.2.1. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf jekk din iz-zjara u l-ispejjez relatati kienux se jithallsu mill-Kunsill. Il-Kunsillier Mario Borg spjega li huwa kien qieghed jahdem fuq town twinning application u dawn l-ispejjez jidhlu parti minnha u l-flus jithallsu permezz ta' fondi tal-EU.

6.2.2. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li se jivvota favor wara din l-ispjega ghax inkella kien jivvota kontra.

6.3. Il-Kunsilliera Philip Said u Joe Ciantar urew l-interess taghhom. Huma kellhom jaghtu risposta sal-ghada.

6.4. Is-Sindku Alfred Grixti talab li jittiehed vot sabiex ikun hemm approvazzjoni tal-Kunsill fuq din iz-zjara u l-iffinanzjar taghha mill-Kunsill. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata. (53)

**7. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA IMPORTANTI**

7.3. Il-Kunsillier Mario Borg informa lill-Kunsill bil-hidma tieghu b' risq l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-inizjattiva lokalitjiet indaf. Huwa spjega li waqt il-progett skola sajf il-Kunsill kien se jorganizza sessjonijiet ta' tghalim lit-tfal u lill-genituri taghhom fuq l-indafa. It-tfal se jigu mistiedna wkoll li jservu ta' green wardens u jaghmlu rapport dwar it-triq taghhom. Il-Kunsillier Maroi Borg spjega li ghal din l-inizjattiva l-Kunsill kellu jhallas ir-remunerazzjoni tal-studenti li se jmexxu l-lezzjonijiet ta' €15 kuljum u jinxtraw xi kotba li jigu pprezentati lit-tfal. Il-Kunsillier Borg spjega li dawn il-flus jigu rkuprati fuq l-applikazzjoni li jaghmel il-Kunsill.

7.4. Il-Kunsillier Philip Said ressaq talba tar-residenti sabiex triq Agira issir one way. Is-Segretarju spjega li kien hemm aplikazzjoni pendenti dwar dan mal-ADT.

7.5. Il-Kunsillier Philip Said ressaq talba tal-grupp tad-djakonija li jiffinanzja t-trasport ghal zjar li kienet se ssir ghal San Vincenz de Paule. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jonfoqx iktar minn €60.

7.6. Il-Kunsillier Philip Said talab li l-laqgha li jmiss tal-Kunsill ippjanata ghat-2 ta' Settembru tigi posposta peress li se jkun imsiefer. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li ssir it-tnejn 13 ta' Settembru.

7.7. Il-Kunsillier George Cortis talab li jsir rapport lill-WSC dwar ilma hiereg quddiem id-dar tieghu. Huwa qal li l-ilma kien ilu hiereg erbat' ijiem u xi residenti qalu li rrapurtaw lill-Vici Sindku Dominic Cutajar imma ma sar xejn.

7.8. Il-Kunsllier George Cortis qal li gie avvicinat minn xi residenti li lmentaw dwar l-aggressivita tal-warden. Huwa qal li hu jhobb id-dixxiplina imma l-warden irid joqghod naqra attent fuq xogholu.

7.9. Il-Kunsillier George Cortis ressaq suggeriment sabiex fl-isqaqien antiki l-bozoz jinbidlu u jsiru fananli dekorattivi.

7.10. Il-Kunsillier Roasrio Cortis issuggerixxa li jigu provduti aktar parking bays madwar Haz-Zebbug.

7.11. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li bhala parti mic-celebrazzjonijiet ta' Dun Karm il-Kunsill kellu jikkunsidra li jdur naqra il-bust ta' Dun Karm.

7.12. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab li jkun jaf meta se jibdew jitqassmu l-boroz il-hodor tal-Greenpak. Is-Segretarju wiegeb li dawn kienu se jitqassmu f' Settembru sabiex kull min kien f' villegjatura jilhaq jirritorna.

7.13. il-Kunsillier Joe Ciantar talab lill-Kunsill sabiex ikun jaf jekk kienx ghad hemm interess li tinxtara dar ghall-Kunsill. Huwa kompla jghid li kellu kuntatti mal-persuna responsabli sabiex tigi diskussa din l-opportunita. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li l-Kunsill ghadu nteressat li jsib post ahjar u talbu jaghmel il-kuntatti necessarji.

## 8. AGGORNAMENT

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 13 ta' Settembru fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.05pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |